



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0112/2014

14.2.2014

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)
(COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Sergio Paolo Francesco Silvestris

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	7
PROCĊEDURA	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produttivi u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)
(COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0262),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0121/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati preżentati mill-Kunsill Federali Awstrijak u l-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Pajjiżi l-Baxxi, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0112/2014),
1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u biex tippreżenta waħda ġdida;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

5.2.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)
(COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pilar Ayuso

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali biex jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, abbażi, b'mod partikolari, ta' dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- **L-approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd"**

Minħabba l-varjetà wiesgħa tiegħu, il-materjal riproduttiv tal-pjanti huwa attwalment irregolat minn 12-il direttiva u għalhekk il-leġiżlazzjoni tista' tiġi adattata għal kull każ speċifiku. Konsegwentement, hemm riskju li l-approċċ meħud "wieħed tajjeb għal kulħadd" ma jissodisfax ir-rekwiżiti differenti tal-materjal riproduttiv tal-pjanti eżistenti u l-ħtiġijiet tal-operaturi, il-konsumaturi u l-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, matul il-konsultazzjonijiet li saru qabel it-tfassil ta' din il-proposta leġiżlattiva, kemm is-setturi kkonċernati kif ukoll l-Istati Membri kellhom l-opinjoni li l-istruttura leġiżlattiva fis-seħħ kienet b'mod ġenerali sodisfaċenti, għalkemm mhumx kontra li tiġi rieżaminata meta jkun xieraq. Il-ġbir tad-direttivi attwali f'att leġiżlattiv wieħed, kif tipproponi l-Kummissjoni, ma jwiegħibx, għaldaqstant, għal talba konkreta mill-Partijiet ikkonċernati.

- **Atti delegati u ta' implimentazzjoni**

Minħabba n-numru sinifikanti ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni previst fil-proposta, huwa diffiċli ħafna li jiġi vvalutat sew l-impatt futur tar-regolament.

- **Kamp ta' Applikazzjoni**

Il-proposta tkopri wkoll il-materjal forestali ta' riproduzzjoni li bħalissa qed jiġi rregolat mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti. Apparti l-fatt li dan is-settur speċifiku huwa diġà kopert mill-leġiżlazzjoni tal-UE, m'hemm l-ebda rabta ċara mas-sikurezza tal-ikel (li kien wieħed mill-argumenti ewlenin imressqa mill-Kummissjoni meta ppreżentat il-pakkett f'Mejju 2013).

F'diskussjonijiet preċedenti, il-Membri tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel esprimew ukoll tħassib fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-pjanti għal skopijiet ornamentali u materjal tal-propagazzjoni maħsub għall-bejgħ lill-ġardinara tad-djar, il-kwalità ħażina tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, il-kompetenza estiża tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), u definizzjonijiet vagi u piżijiet amministrattivi żejda fuq l-Istati Membri u l-operaturi (li potenzjalment iwasslu għal anqas għażliet u anqas trasparenza għall-konsumaturi). Fl-aħħar, ħafna Stati Membri enfasizzaw li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti teħtieġ tiffaċilita u thegħgeġ iż-żamma tal-bijodiversità fl-agrikoltura u l-ortikoltura.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi r-rifjut tal-proposta tal-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)
Referenzi	COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 23.5.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 23.5.2013
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	21.11.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Pilar Ayuso 19.6.2013
Eżami fil-kumitat	27.11.2013
Data tal-adozzjoni	30.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sandrine Bélier, Biljana Borzan, Tadeusz Cymański, Spyros Danellis, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Martin Kastler, Christa Klaß, Claus Larsen-Jensen, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Richard Seeber, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Julie Girling, Jutta Haug, Filip Kaczmarek, James Nicholson, Vittorio Prodi, Christel Schaldemose, Birgit Schnieber-Jastram, Bart Staes, Rebecca Taylor, Vladimir Urutchev, Andrea Zaroni
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hiltrud Breyer, Vojtěch Mynář, Bill Newton Dunn

PROĊEDURA

Titolu	Il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)
Referenzi	COM(2013)0262 – C7-0121/2013 – 2013/0137(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	6.5.2013
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 23.5.2013
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 23.5.2013
Kumitat(i) assoċjat(i) Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 21.11.2013
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Sergio Paolo Francesco Silvestris 30.5.2013
Eżami fil-kumitat	30.5.2013
Data tal-adozzjoni	11.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Eric Andrieu, Liam Aylward, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Iratxe García Pérez, Julie Girling, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Agnès Le Brun, Mairead McGuinness, James Nicholson, Marit Paulsen, Britta Reimers, Alfreds Rubiks, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Alyn Smith, Ewald Stadler, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Francesca Barracciu, Spyros Danellis, Karin Kadenbach, Astrid Lulling
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Anne E. Jensen
Data tat-tressiq	14.2.2014